



Brussell, 27 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9463/25

AG 74
POLGEN 56
FREMP 137
JAI 689
DISINFO 47
HYBRID 56
AUDIO 44
EDUC 187

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8629/25
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tal-UE

Wara l-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tas-27 ta' Mejju 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Annexx it-test tal-konklużjonijiet tal-Presidenza li kien appoġġat minn 25 delegazzjoni.

Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tal-UE

IL-PRESIDENZA TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. TFAKKAR fil-konklużjonijiet preċedenti tagħha dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika¹, dwar ir-reżiljenza demokratika: is-salvagwardja tal-proċessi elettorali mill-indħil barrani², dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat³, dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali⁴, dwar ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE⁵ u dwar il-memorja tad-delitti mwettqa minn reġimi totalitarji fl-Ewropa⁶.
2. TIRRIKONOXXI li x-xenarju ġeopolitiku li qed jevolvi, inkluż il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, joħloq sfidi serji għad-demokrazija tagħna, li jistgħu jwasslu għal aggravazzjoni tal-frizzjoni tas-soċjetà, il-polarizzazzjoni, ir-radikalizzazzjoni u t-tnaqqis fil-fiduċja fl-istituzzjonijiet u l-elezzjonijiet.
3. TENFASIZZA li d-demokrazija ma tistax tirnexxi mingħajr il-libertà tal-espressjoni u li r-reżiljenza demokratika trid tkun ibbażata fuq l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-valuri sostnuti mill-Unjoni Ewropea kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. TENFASIZZA wkoll li d-demokrazija, il-libertà u l-ugwaljanza jsaħħu lil xulxin; TFAKKAR li r-rispett ta' dawn il-valuri huwa responsabbiltà kondiviża tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri.

1 15738/23
2 10119/24
3 10533/24
4 6878/25
5 7388/23
6 11268/11

4. TENFASIZZA li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom responsabbiltà komuni li jippromwovu u jissalvagwardjaw l-istat tad-dritt permezz tal-istrumenti kollha disponibbli, f'konformità mat-Trattati. F'dan il-kuntest, TENFASIZZA l-importanza tal-integrazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-politiki u l-inizjattivi leġislattivi kollha tal-UE, u fl-implimentazzjoni tal-liġi applikabbli tal-UE.
5. TIRRIKONOXXI li t-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika huwa pedament fil-protezzjoni tas-sigurtà tal-Ewropa. Dan jirrikjedi diskors pubbliku liberu u divers, il-kapaċità li jiġu rikonnoxxuti u miġġielda l-kampanji ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI), inkluż id-diżinformazzjoni, speċjalment dawk immirati lejn il-valuri tal-UE jew il-funzjonament demokratiku tal-istituzzjonijiet, l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, u l-manipulazzjoni jew il-falsifikazzjoni ta' fatti storiċi għal mezzi politiċi, kif ukoll sforzi fit-tul fl-oqsma tal-appoġġ għal media ħielsa, indipendenti u pluralistika, l-iżgurar ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, il-promozzjoni tal-edukazzjoni ċivika, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u l-protezzjoni tal-istat tad-dritt.
6. TENFASIZZA li r-reżiljenza demokratika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u f'dak tal-Unjoni jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jeħtieġu azzjoni komprensiva u konġunta, fl-ispirtu ta' approċċ ta' gvern sħiħ u tas-soċjetà kollha.
7. TFAKKAR li f'dawn l-aħħar snin l-UE għamlet sforzi importanti biex issaħħaħ ir-reżiljenza demokratika, b'mod partikolari l-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija, ippreżentat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2023 u li jibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea adottat fl-2020, is-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu, is-sett ta' għodod FIMI, is-Sistema ta' Twissija Rapida bħala pjattaforma sigura għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar inċidenti relatati mal-FIMI, il-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni, ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, l-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar l-IA, l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media u d-Direttiva kontra s-SLAPP. TAPPELLA lill-Kummissjoni biex, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi tal-Istati Membri, tinforza dawn ir-regoli b'mod proattiv u tuża l-għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari s-setgħat investigattivi u ta' sanzjonar tagħha skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

8. TENFASIZZA li l-protezzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti minn kull interferenza barranija, inkluż fil-qasam tal-informazzjoni, minn atturi statali jew mhux statali, kif ukoll it-trasparenza elettoral, huma essenzjali għad-demokrazija. Għal dan il-għan, TENFASIZZA l-importanza tal-użu effiċjenti u effettiv tan-*Network Ewropew ta' Kooperazzjoni* dwar l-Elezzjonijiet, b'rispett sħiħ tar-rwol primarju tal-awtoritajiet nazzjonali fis-salvagwardja tal-integrità elettoral fil-kompetenzi rispettivi tagħhom.
9. TENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza elettoral u f'dan ir-rigward, TINNOTA d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni sħiħa li ser issir tar-Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku u TIRRIKONOXXI r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-promozzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa, ġusti u reżiljenti u l-ħidma li għaddejja fuq it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi, kif ukoll fuq l-istatut u l-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.
10. TENFASIZZA r-rwol kritiku ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika li tipprovdi informazzjoni bilanċjata u oġġettiva għat-tisħiħ tad-demokrazija tagħna u l-aċċess għal tali media, kif ukoll ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-industrija tat-teknoloġija, b'mod partikolari tal-pjattaformi tal-media soċjali, tal-gvernijiet u ta' partijiet ikkonċernati oħra biex jiddefendu l-libertà tal-espressjoni u d-diskors demokratiku miftuħ fl-ispazju diġitali; THEĠĠĠ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet pubbliċi, lis-soċjetà ċivili u lill-atturi privati biex jikkunsidraw modi kif jappoġġaw aktar lil inizzjattivi ta' verifika tal-fatti u proġetti tal-media indipendenti għall-Ewropa kollha, bħall-pjattaformi awdjoviżivi pan-Ewropej, kif ukoll lill-ġurnaliżmu investigattiv biex tiġi żgurata l-ġenerazzjoni ta' kontenut prodott f'konformità mal-istandards ġurnalistiċi u b'rispett sħiħ tal-prinċipji tar-responsabbiltà editorjali, l-irfiġh tar-responsabbiltà u l-indipendenza.
11. TIRRIKONOXXI li l-kampanji ta' FIMI, inkluż id-diżinformazzjoni, saru theddida għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt, b'mod partikolari fil-kuntest tal-media soċjali. In-nuqqas li jiġu indirizzati dawn ir-riskji jista' joħloq theddid serju għall-integrità tal-proċessi demokratiċi u l-involvement taċ-ċittadini billi jimmina l-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet u l-proċeduri demokratiċi.

12. TIRRIKONOXXI wkoll li approċè integrat u b'diversi partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-ġlieda kontra l-kampanji ta' FIMI, inkluż id-diżinformazzjoni, sabiex tiġi promossa t-trasparenza u jitrawwem il-litteriżmu diġitali, ċibernetiku, tal-informazzjoni u tal-media, inkluż il-litteriżmu fl-Intelliġenza Artifiċjali (IA), bħala parti mill-edukazzjoni ċivika.
13. F'dan ir-rigward, TENFASIZZA l-ħtieġa li jkomplu l-isforzi għall-promozzjoni u l-appoġġ tad-dispożizzjonijiet dwar il-litteriżmu fil-media skont id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) u li jitqiesu, kif xieraq, il-linji gwida tal-Kummissjoni tal-2023 dwar il-litteriżmu fil-media. F'dan l-isfond, TAPPOĠĠA l-użu responsabbli tal-IA, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' kontenut dannuż, inkluż dak maħluq b'teknoloġiji deepfake u mmirar ibbażat fuq l-imġiba, u l-promozzjoni tal-użu trasparenti tal-algoritmi.
14. TENFASIZZA l-importanza li tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika, u f'dan il-kuntest, TFAKKAR fl-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bħala għodda użata ta' spiss miċ-ċittadini tal-UE biex jipparteċipaw direttament fil-proċess demokratiku.
15. TENFASIZZA l-importanza li jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (minn hawn' il quddiem "OSĊ") fil-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri u d-drittijiet minnuxa fl-Artikolu 2 TUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; f'dan il-kuntest, TIRRIKONOXXI r-rieżami ta' nofs it-terminu li qed tagħmel il-Kummissjoni tal-istrateġija tal-2020 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tagħha u TTENNI l-importanza li tiġi ffinalizzata l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'konformità mal-Artikolu 6, il-paragrafu 2 TUE.
16. TENFASIZZA li l-iżgurar ta' finanzjament adegwat għall-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem – li jibqgħu element essenzjali tas-sistema ta' kontrokontrolli, kif ukoll jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni, inkluż l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija – huwa kruċjali biex tiġi żviluppata u tinżamm soċjetà li fiha jipprevalu l-valuri tal-Unjoni; TIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza u l-irfiġh ta' responsabbiltà fil-prattiki ta' finanzjament.

17. TENFASIZZA l-importanza tal-OSĊ fil-protezzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, b'mod partikolari permezz tal-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi, l-iskrutinju tal-azzjonijiet tal-atturi statali, l-attenzjoni tal-pubbliku għal każijiet ta' ksur tal-liġi, u l-promozzjoni tal-interessi u l-perspettivi ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi jew gruppi sottorappreżentati, u ta' dawk l-aktar vulnerabbli.
18. TENFASIZZA l-importanza ta' impenn kontinwu u attiv fi djalogu miftuħ u trasparenti mal-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li jqis l-għarfien espert tagħhom fil-proċess tat-tfassil ta' politika, u ta' appoġġ lill-OSĊ fl-eżaminar u l-indirizzar ta' kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet fundamentali, fit-titjib tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tiħih tar-reżiljenza demokratika, inkluż fil-livell taċ-ċittadini.
19. TIRRIKONOXXI li, abbażi tar-Regolament Finanzjarju, meta jimplimentaw il-finanzjament tal-Unjoni u l-baġit tal-UE, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw konformità mal-Karta skont l-Artikolu 51 tagħha, u li jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni minqax fl-Artikolu 2 TUE li huma rilevanti fl-implimentazzjoni tal-baġit.
20. TFAKKAR li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija indispensabbli għat-tiħih tar-reżiljenza demokratika tal-UE, u TISTIENEN lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
21. TFAKKAR li dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill huma mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027; TENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu ddokumentati l-miżuri mmirati lejn it-tiħih tar-reżiljenza demokratika u li jiġi żgurat il-finanzjament xieraq tal-UE biex jiġu appoġġati tali miżuri.

22. TISTIENEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, fl-ambitu tal-mandat rispettiv tagħhom u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri, biex iżidu l-azzjonijiet tagħhom fis-salvagwardja tal-integrità tal-informazzjoni u fil-ġlieda kontra l-kampanji ta' FIMI, inkluż id-diżinformazzjoni, b'mod partikolari meta jkunu mmirati lejn is-sigurtà u l-valuri tal-UE jew il-funzjonament demokratiku tal-istituzzjonijiet, jimminaw l-istat tad-dritt, l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, jew jimmanipulaw u jiffalsifikaw fatti storiċi. Azzjonijiet bħal dawn għandhom jinkludu wkoll l-użu ta' komunikazzjoni strateġika, sensibilizzazzjoni diplomatika mas-sħab u avviċinament kostruttiv ta' sħubijiet ġodda biex jiġu promossi l-valuri tal-UE.
23. TISTIENEN lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jesploraw modi biex ilaqqgħu l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha inkluż l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, is-soċjetà ċivili, is-settur tar-riċerka, id-dinja akkademika, l-entitajiet privati u esperti rilevanti oħra minn oqsma differenti b'mod sistematiku sabiex jikkondividu l-aħjar prattiki u jipprovdu gwida strateġika dwar politiki marbutin mar-reżiljenza demokratika, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-isforzi eżistenti u bir-rispett dovut għall-kompetenzi tal-Istati Membri.
24. TISTIENEN lill-Kummissjoni biex tiegħu rwol ta' tmexxija, flimkien mal-Istati Membri, fil-promozzjoni tat-tifkira Ewropea madwar l-Ewropa, inkluż billi toħroġ rapport dwar is-suġġett li għandu jiġi indirizzat mill-Kunsill lejn il-bidu tal-2027. F'dan il-kuntest, TIRRIKONOXXI l-progress li sar mill-Pjattaforma tal-Memorja u l-Kuxjenza Ewropej (PEMC) fil-ħolqien ta' monument pan-Ewropew fi Brussell iddedikat għall-vittmi tar-reġimi totalitarji tas-seklu 20; u TFAKKAR fil-valur ta' approċċ ikkoordinat billi jsir l-aħjar użu mill-istrutturi u l-entitajiet eżistenti kollha fil-livell nazzjonali u tal-UE, bħall-PEMC.
25. TISĦAQ fuq il-ħtieġa li jkompli jiġi kkunsidrat kif jistgħu jissaħħu r-reżiljenza, it-tnejn, il-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons b'mod koerenti biex jiġu evitati u indirizzati b'mod effettiv kriżijiet u theddid emerġenti, bħal diżastri relatati mal-klima u tfixkil tekniku fuq skala kbira; f'dan il-kuntest, TINNOTA l-komunikazzjoni konġunta dwar Strateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza biex l-UE tkun lesta tiproteġi liċ-ċittadini tagħha u l-funzjonijiet soċjetali ewlenin li huma kruċjali għad-demokrazija u l-ħajja ta' kuljum.

26. F'dan il-kuntest, TENFASIZZA li l-kapaċitajiet ta' tħejjija u ta' rispons għall-kriżijiet għandhom jitqiesu fl-oqfsa ta' reżiljenza demokratika, jiġifieri biex jiġu indirizzati l-perikli maħluqa mit-tixrid tad-diżinformazzjoni matul emerġenzi sistemiċi u biex jiġi ggarantit li l-oqfsa ta' rispons għal emerġenza jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tixrid ta' informazzjoni bbażata fuq il-fatti, filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni.
 27. TISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiegħu kont ta' dawn il-kwistjonijiet fl-inizjattiva li jmiss tagħha dwar it-Tarka għad-Demokrazija Ewropea.
 28. TIMPENJA ruħha li terġa' lura regolarment għall-kwistjoni tat-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tal-UE.
-